**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 375/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 33.**

**GO p.l.c. (C-22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Roderick Caruana (19786M)**

**61, Triq Guzi Abela,**

**Zejtun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha ewro u tnejn u sittin centezmu (€709.62c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40224210.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disgha ewro u tnejn u sittin centezmu (€709.62c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1932/17 huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**